MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 185/2009

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Joseph Vella (Id. 717047M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elf, mija u disa u tletin Ewro u disa u ghoxrin centezmu (€1,139.29) minghand il-konvenut, in konnessjoni ma’ servizz telefoniku bin-numru 21249291 gja 29105, u minkejja li l-istess konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas, baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data ta’ l-ahhar pagament u cioe mis-16 ta’ Settembru 2005 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' elf, mija u disa u tletin Ewro u disa u ghoxrin centezmu (€1,139.29), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------